TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

## Fit-Tribunal tal-Konsumatur

CCT/224/16/S

Duncan Calleja
Vs
Raymond Micallef ezercenti bhala Triple A

Illum 27 t'April,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Duncan Calleja pprezentata fit-23 ta'Novembru,2016 u r-risposta ta' Raymond Micallef ezercenti l-kummerc bhala Triple A ipprezentata fil-5 ta'Dicembru,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-23 ta'Marzu,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba biex l-'appliances' mixtrija jigu stallati filwaqt li l-intimat jikkontendi li l-prezz tal-'appliances' ghadu ma thallasx kollu;

Illi t-Tribunal jinnota li harsa lejn id-dokumenti pprezentati, twasslek ghall-gherq ta' din il-pendenza;

Illi skont dak li rrizulta mill-provi dokumentarji (partikolarment Dok DC3), sar zball fil-konteggi daparti tal-haddiema tal-intimat;

Illi l-izball fil-konteggi, hu tant car li dan il-kaz ma kellux ghalfejn jigi quddiem dan it-Tribunal;

Illi zball genwin fil-konteggi ma jwassalx biex dak dovut ma jithallasx;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Duncan Calleja filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Raymond Micallef ezercenti l-kummerc bhala Triple A, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070